MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 715/2004

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Unifoods Limited, Jesmond Decelis u Carmelo Buhagiar**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fis-27 ta’ Settembru, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta’ attrici giet iddikjarata kreditrici ghas-somma ta’ elfejn u hames mija u hames Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm2,505.72) tas-socjeta’ konvenuta Unifoods Limited skond sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta datata 16 ta’ Ottubru, 1998;

Is-socjeta’ attrici harget mandat ta’ sekwestru numru 191/03 fl-31 ta’ Jannar, 2003, ghas-*sorte* (Lm2,505.72), imghax (Lm851.94) u spejjez (Lm207.83) skond it-taxxa ufficcjali mahruga;

Is-sekwestratarji kollha citati fil-mandat ta’ sekwestru numru 191/03 iddikjaraw li m’ghandhom ebda fondi f’isem is-socjeta’ konvenuta Unifoods Limited;

Dan id-debitu ghadu dovut u ilu dovut iktar minn sbatax (17) il-xahar mill-infurzar tat-titolu ezekuttiv u minhabba f’hekk s-socjeta’ attrici tikkonkludi li s-socjeta’ konvenuta Unifoods Limited ma tistax thallas dan id-dejn taghha;

Fl-ittra datata 28 ta’ Frar, 1998, hawnhekk annessa bhala Dok A, mibghuta mis-socjeta’ konvenuta Unifoods Limited lill-klijenti taghha, l-istess socjeta’ konvenuta iddikjarat li l-kumpanija Unifoods Limited m’ghadiex topera minn din l-istess data tat-28 ta’ Frar, 1998 *pero’* li n-negozju xorta wahda ser jkompli din id-darba f’isem socjeta’ ohra, Amazon Limited, u li kull akkont pendenti dovut lis-socjeta’ konvenuta Unifoods Limited issa jaqa’ taht ir-responsabilita’ ta’ Amazon Limited u li kull cekk ghandu jigi riferut u indirizzat lill-istess Amazon Limited;

Is-socjeta’ konvenuta fl-1 ta’ Marzu, 1998 harget ittra ohra (annessa bhala Dok. B) fejn iddikjarat li Unifoods Limited waqfet topera fl-1 ta’ Marzu, 1998 u dan minhabba li mhijiex qed tlehhaq mal-pagamenti li ghandha tonera;

Rizultat ta’ dan l-agir, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jirrizulta ben car minn dawn iz-zewg dokumenti annessi bhala Dok A u Dok B rispettivament, fost affarijiet ohra, kien li l-kredituri ta’ Unifoods Limited ma setghux jissoddisfaw il-krediti pendenti taghhom minhabba dan l-abbuz;

B’dan l-agir fil-konfront tal-kredituri taghha fosthom l-attrici, is-socjeta’ konvenuta Unifoods Limited abbuzat mill-privilegg ta’ responsabbilita’ limitata moghti mill-artikolu 67 tal-Kap. 386;

Minhabba fl-imsemmi abbuz mill-privilegg ta' responsabbilita' limitata, u peress illi bhala konsegwenza s-socjeta' konvenuta Unifoods Limited mhix f'posizzjoni li thallas id-djun taghha u ghalhekk tilfet l-privilegg ta' limitazzjoni ta' responsabbilita' moghti lilhom mill-art. 67 tal-Kap. 386;

Is-socjeta' konvenuta kif ukoll il-konvenuti Jesmond Decelis u Carmelo Buhagiar *qua* ishmatarji u diretturi ta' Unifoods Limited kienu kompartecipi fl-abbuz ta' bbenefikaw illecitament mill-istess, huma ghalhekk solidalment responsabbli ma' Unifoods Limited favur is-socjeta' attrici;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Unifoods Limited abbuzat mill-privilegg ta' responsabbilita' limitata moghti mill-art. 67 tal-Kap. 386;

2. Tiddikjara li per konsegwenza l-konvenuti Jesmond Decelis u Carmelo Buhagiar tilfu l-privilegg moghti lilhom bis-sahha ta' l-artikolu 67 tal-Kap. 386;

3. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom kienu kompartecipi fl-imsemmi abbuz u bbenefikaw illecitament mill-istess u li huma ghalhekk solidalment responsabbli bejniethom fil-konfront tas-socjeta' attrici;

4. Konsegwentement tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom, responsabbli lejn is-socjeta' attrici b'mod illimitat; u

5. Tordna lill-konvenuti Jesmond Decelis u Carmelo Buhagiar, jew min minnhom, sabiex ihallsu flimkien u jew solidalment bejniethom il-kreditu tas-socjeta' attrici.

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici, inkluza dik ghall-likwidazzjoni u kundanna tas-socjetajiet konvenuti, jew liema minnhom li gawdew minn tali abbuz,

u bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti li huma sa minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Buhagiar li *in forza* taghha eccepixxa illi:

1. Preliminarjament l-azzjoni attrici hija improponibbli *ai termini* tal-ligi billi ma tikkonfigurax ruhha f'wahda mic-cirkostanzi li fihom huwa permess li azzjonisti jew diretturi ta' socjeta' kummercjali jigi ritenuti bhala responsabbli ghad-djun tas-socjeta' li taghha huma jkunu azzjonisti u/jew diretturi;

2. Fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-azzjoni attrici hija preskritta *a tenur* ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu michuda *stante* li l-eccipjent ma wettaq ebda abbuz jew att illecitu hekk kif qed jigi lilu attribwit fic-citazzjoni attrici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni guramentati tal-partijiet;

Rat li l-konvenuti Unifoods Ltd u Jesmond Decelis ma resqux nota tal-eccezzjonijiet u baqghu kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Buhagiar;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li s-socjeta’ attrici, wara li giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta’ Unifoods Ltd, fl-ammont ta’ Lm2,505.72, ma setghetx tigbor hlas ta’ dan il-kreditu peress li l-kumpanija debitrici m’ghandhiex assi biex thallas lill-kredituri taghha. Fil-fatt, il-kumpanija Unifoods Ltd waqfet topera fl-1 ta’ Marzu, 1998, peress li ma kienetx qed tlahhaq mal-pagamenti li ghandha taghmel. Is-socjeta’ attrici qed tallega li l-azjonisti u d-diretturi tas-socjeta’ Unifoods Ltd abbuzaw mill-privilegg ta’ responsabilita’ limitata koncessa lilhom bl-artikolu 67 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta, u, ghalhekk, ghandhom jigu dikjarati personalment responsabbli lejn is-socjeta’ attrici b’mod illimitat.

Il-ligi tal-kumpaniji, *pero’*, ma tipprovdix ghall-kaz ta’ responsabbilita’ illimitata tal-azjonisti jekk mhux fil-kaz ta’ *fraudulent* jew *wrongful trading*. Fil-fatt dak li qed tallega s-socjeta’ attrici jista’ jinkwadra ruhu taht *fraudulent* jew *wrongful trading*, u dana peress li qed tallega li d-diretturi tal-kumpanija ghamlu zmien joperaw meta kellhom kumulu ta’ debiti li kienu jafu li ma setghux ihallsu. Ghalkemm l-agir lamentat jista’ jwassal ghal dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ personali tad-diretturi, tali responsabilita’ personali tista’ tigi dikjarata biss waqt li l-kumpanija tkun fi process ta’ stralc, u dana *a tenur* tal-artikolu 315 u 316 tal-imsemmi Kap. 386. Il-ligi tal-kumpaniji, li hi ligi specjali li tirregola l-kumpaniji u l-ufficcjali taghha, ma tipprovdix rimedji ohra kontra allegat abbuz tad-diretturi, u meta istitut hu regolat b’ligi specjali, mhux lecitu li ssir riferenza ghal xi principju generali tad-dritt. Hu minnu li, b’mod generali, minn jabbuza bid-drittijiet moghtija lilu jista’ jkun passibbli ghal danni, izda meta istitut hu regolat b’ligi specjali, hi biss dik il-ligi li ghandha tigi kkunsidrata ghal-fini ta’ responsabilita’ tal-partijiet u tar-rimedji moghtija – *“specialia generalibus derogant”* (ara, fil-kaz tal-istitut tal-bejgh, l-applikazzjoni ta’ dan l-istess principju fil-kawza “Scifo Diamantino vs Meridian Enterprises Co. Ltd”, deciza minn din il-Qorti fit-13 ta’ Frar, 2003). F’dan il-kaz, il-ligi specjali rregolat kif u meta diretturi jistghu jinstabu responsabbli personalment ghad-djun tal-kumpanija taghhom, u hi biss fil-limiti ta’ dak provdut f’dik il-ligi specjali li r-rimedju jridu jinstabu.

Din il-Qorti gia ittrattat dan il-punt fil-kawzi "Theuma vs Cachia", deciza fl-14 ta' Ottubru, 2004, u "Hi-Timber Co. Ltd vs Baldacchino et", deciza fil-15 ta' Dicembru, 2005, u gie osservat li, fil-waqt li l-att tal-1995 Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386) jaghti rimedju kontra agir abbuziv jew *"hazin"* tad-diretturi, dan irid jintalab fil-kuntest ta' proceduri ta' stralc kontra l-kumpanija. Fil-kawza deciza l-ahhar din il-Qorti kienet ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

"Fil-fatt l-artikolu 316 jiddisponi illi l-Qorti tista' taghmel dikjarazzjoni ta' responsabilita' personali, minghajr ebda limitazzjoni, *"meta kumpanija tkun giet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setghet tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha"*. Hekk ukoll hija l-posizzjoni fl-Ingilterra minn fejn ahna adattajna l-ligi l-gdida dwar il-kumpaniji. Fil-ktieb "Farrar's Company Law" (Edit. 1998 pag. 739) jinghad li biex direttur jinsab responsabbli ta' *"wrongful trading"*:

*"The conditions are that the company has gone into insolvent liquidation, and it appears that the company continued trading after a point in time before the commencement of the winding up when the director knew or ought to have concluded that there was no reasonable prospect that the company would avoid going into insolvent liquidation"*;

F'din il-kawza, l-attur ma ressaq ebda talba ghall-istralc tal-kumpanija konvenuta. L-attur seta' talab l-istralc taht il-provediment tal-artikolu 218 tal-indikat Kap. 386, u l-Qorti kienet tkun f'posizzjoni li taghti l-ordnijiet opportuni ghal istralc tal-kumpanija u l-hlas tad-debiti taghha, inkluz, jekk ikun hemm bzonn, ordni taht l-artikolu 315 (responsabbilita' ghal kummerc bi frodi) jew taht l-artikolu 316 (responsabbilita' ghal kummerc hazin). Fin-nuqqas ta' talba ghal istralc, il-Qorti, *pero'*, ma tistax tipprocedi b'dan il-mod mitlub.

Dan kollu japplika wkoll ghal dan il-kaz. L-awtrici Brenda Hannigan fil-ktieb taghha *“Company Law”* (*Butterworths Edit. 2003*) tesprimi l-istess opinjoni. Hi tibda it-trattat taghha fuq ir-responsabilitajiet tad-diretturi billi tghid (f’pagna 837) li:

*“In addition to the formal processes of dealing with the insolvent company, whether through liquidation, administration, etc, the collapse of the company is also the time when the conduct of the directors (and officers) of the company will be reviewed”*.

Aktar ‘l quddiem, l-istess awtrici tindika l-kondizzjonijiet li jridu javveraw ruhhom qabel ma direttur ta’ kumpanija jista’ jinstab responsabbli ta’ *“wrongful trading”*. L-istess bhal ma jinghad fil-ktieb “Farrar’s Company Law” aktar qabel kwotat, hi wkoll tinnota li l-ewwel kondizzjoni hi li *“the company has gone into insolvent liquidation”* (pagna 844). Dan hu hekk ghax qabel ma jigi dikjarat li kumpanija hija insolventi, mhux lecitu li wiehed imur wara l-*corporate veil* u jitlob sodisfazzjon ghall-kreditu tieghu direttament minghand id-diretturi personalment”.

Din il-Qorti, anke ghal-fini ta’ din il-kawza, issostni dawn l-argumenti u la darba s-socjeta’ attrici ma hiex qed tipprocedi ghall-istralc tal-kumpanija Unifoods Ltd, ma tistax tezamina l-kondotta u l-agir tal-ufficcjali taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmelo Buhagiar, tiddikjara t-talbiet attrici bhala irritwali u tichad l-istess talbiet attrici.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------